

# Farfett tal-Fejġel

Dan il-farfett huwa l-unika farfett endemiku! Il-parti t'isfel tal-ġwienaħ ta' wara huma simili għal denb il-ħuttafa. Dan il-farfett tista' tagħrfu mill-ġwienaħ tiegħu li huma ta' lewn isfar bl-iswed, bi strixxa blu u tikek ħomor.



*Ritratt ta' Stephen Mifsud*



# Rubin

Din it-tip ta' baħrija tinsab biss fil-Gżejjer Maltin. Meta tkun għadha xagħat, din ikollha ħafna suf żgħir, u tibqa' bih anke meta ssir baħrija adulta. Ir-Rubin hija magħrufa u msemmija għall-kulur ħamrani tagħha.



*Ritratt ta' Stephen Mifsud*



# Dussies ta' Malta

Dan il-bebbux jinsab biss fuq il-Gżejjer Maltin u hu protett minħabba li jinsab fil-periklu; dan ifisser li ma fadalx ħafna minnu. Normalment issibu bejn il-blat, qrib żoni li huma ftit imxarrbin.

*Ritratt ta' Alan Outen*



# Naħla ta' Malta

In-naħal jiġi f'kull tip ta' daqs u forma, iżda n-naħla ta' Malta tinsab biss f'pajjiżna u għalhekk għandna bżonn nipproteġuha! In-naħal huma importanti għax idakkru l-fjuri u jgħinuna nkabbru l-frott u l-ħaxix. Il-ġisem tan-naħla huwa mimli suf sabiex tkun tista' ġġorr kemm jista' jkun il-polline.

*Ritratt ta' Malta Beekeepers Association*



# Skorpjun

Fuq il-Gżejjer Maltin insibu tip wieħed biss ta' skorpjun li jinsab hawn b'mod naturali. Iħobb jinħeba f'postijiet mudlama u umdużi. Xi kultant nistgħu insibuh ukoll fid-djar tagħna. Dan l-iskorpjun żgħir għandu velenu dgħajjef u juża n-niggieża tiegħu biex jikkaċċja insetti bħal wirdien.

*Ritratt ta' Stephen Mifsud*



# Gremxula komuni ta' Malta

Hemm erba' tipi ta' dan il-gremxul Malti li jinsabu fuq il-gżejjer tagħna; tip minnhom jinsab madwar il-gżejjer Maltin, ieħor fuq Filfla biss, it-tielet tip jinsab fil-gżejjer Selmunett, u r-raba' tip jinsab biss fuq Il-Ġebla tal-Ġeneral.

*Ritratt ta' Nick Dobbs*



# Ħanfusa tar-Raba'

Din il-ħanfusa hija endemika jigifieri issibha fil-gżejjer tagħna biss. Tgħix fil-kampanja, ġeneralment f'żoni kostali. Il-ħanfus jibża' minna aktar milli aħna nibżgħu minnu, u għalhekk m'hemmx bżonn li nagħmlulhom ħsara.

*Ritratt ta' Stephen Mifsud*



# Qabru

Kont taf li meta kellna muniti Maltin, il-granċ kien fuq il-munita tal-ħames ċenteżmu? Dan il-granċ partikolari jgħix f'nixxigħat ta' ilma ħelu li ġeneralment jinsabu f'widien madwar il-Gżejjer Maltin. Sfortunatament, il-biċċa l-kbira tal-widien tagħna huma mibnija u għalhekk dawn in-nixxigħat qed jonqsu. B'hekk l-granċ tal-ilma ħelu hu fil-periklu u ma fadalx ħafna minnu.

*Ritratt ta' Paul Portelli*



# Żrinġ

Dan huwa żrinġ partikolari li jinsab biss fil-Gżejjer Maltin u dawk ta' Sqallija. Huwa wkoll l-unika speċi ta' anfibju li jinsab b'mod naturali fuq il-gżejjer tagħna! Dan iż-żrinġ huwa protett bil-liġi allura m'għandux jinqabad jew jittieħed mill-ambjent naturali tiegħu.

*Ritratt ta' Nicholai Xuereb*



# Baħrija tat-tengħud

Dan il-baħrija tinsab biss fil-Gżejjer Maltin u hija msemmija għall-pjanta tat-Tengħud tax-Xagħri; l-istess pjanta li tgħix fuqha din il-baħrija meta tkun għadha xagħat. Din il-baħrija insibuha l-aktar f'żoni tax-xagħri mimli blat fejn filfatt insibu ħafna il-pjanta tat-tengħud.

*Ritratt ta' Stephen Mifsud*



# Brimba tal-Bejta

Dan it-tip ta' brimba hija protetta peress li tinsab biss fil-Gżejjer Maltin. Tgħix għal ħafna snin ġewwa toqob jew mini fil-ħamrija. Tieħu dan l-isem minħabba li tagħlaq id-dar tagħha b'tip ta' bieb magħmul mill-ħamrija u ħarir li tipproduċi!

*Ritratt ta' Thomas Cassar*